Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 333/2010**

tat-22 ta' April 2010

dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għal *Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) bħala addittiv fl-għalf għal ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni, ►M2 Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 102, 23.4.2010, p. 19)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/897 tat-8 ta' Ġunju 2016	L 152	7	9.6.2016
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/146 tat-3 ta' Frar 2020	L 31	3	4.2.2020

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 333/2010

tat-22 ta’ April 2010

dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għal *Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) bħala additttiv fl-għalf għal ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni, ►M2 Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄)

(Test b’relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li hija parti mill-kategorija ta’ additttivi, “additttivi żootekniċi”, u mill-grupp funzjonali “stabilizzanti tal-batterja fil-musrana”, hija awtorizzata bħala additttiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU /kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti tal-batterja fil-musrana									
4b1820	►**M2** Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄	*Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544)	Kompożizzjoni tal-addittiv: *Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) b'minimu ta' $1{,}0 \times 10^{10}$ CFU/g Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Spori vijabbli (CFU) ta' *Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) Metodu analitiku ([1]) Enumerazzjoni: il-metodu tat-tifrix bl-użu tat-tryptone soya agar fil-matriċijiet kollha fil-mira (EN 15874:2009) L-identifikazzjoni: elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE).	Ħnienes (miftuma)	—	3×10^8	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv, it-taħlita preliminari u l-għalf kompost, indika t-temperatura għall-ħżin, il-perjodu tal-ħżin, u l-istabbilità għall-pelleting. 2. Għall-ħnienes miftuma sa piż approssimattiv ta' 35 kg. 3. Għas-sikurezza: għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ngwanti waqt l-użu.	13 ta' Mejju 2020

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju: www.irmm.jrc.ec.europa.eu/crl-feed-additives